MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 595/2005

**Simonds Farsons Cisk p.l.c.**
**(C – 113)**

**vs**
**Christopher Caruana (karta ta’ l-identita` numru 24160 (M)) u Marianne Caruana (karta ta’ l-identita` numru 82361 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata t-23 ta’ Gunju, 2005, li permezz taghha s-socjeta` attrici sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi b’kuntratt datat it-13 ta’ Marzu, 2000, is-socjeta` attrici xtrat l-ishma kollha tas-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited*, (C – 7512), minghand Anthony Caruana, Cynthia Caruana, Nicholas Caruana,

Christopher Caruana, (il-konvenut li deher fil-kuntratt bil-kunsens ta' martu Marianne, il-konvenuta l-ohra) u *Caruana Investments Limited* ghal valur sostanzjonali li kien jirrifletti l-agenzija u l-operat taghha;

1.2 Illi fil-kuntratt riferit fil-paragrafu precedenti gew maqbula diversi pattijiet u kondizzjonijiet;

1.3 Illi wahda minn dawn il-kondizzjonijiet kienet li l-bejjiegha tal-ishma obbligaw ruhhom li ghal perjodi differenti ma jikkompetux mas-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited* u fil-kaz specifiku tal-konvenut Christopher Caruana bil-kunsens ta' martu Marianne:

1.3.1. " … during the period of time in which he is engaged with the company Anthony Caruana & Sons Limited and for a period of one year thereafter , he will not be directly or indirectly, either in his own account or in conjunction with or on behalf of any person, firm or company:-

1.3.1.i. "carry on or be engaged, concerned or interested in activities which include goods similar to those imported by the company";

1.3.1.ii. "solicit or entice away from the company any officer, manager of servant whether or not such person would commit a breach of this contract of employment by reason of leaving the service of the company";

1.3.1.iii. "In the event of a breach by Mr. Christopher Caruana of any of the covenants referred to … above, he shall become liable and shall pay to the Purchaser for each such breach the sum of five thousand Maltese Liri, (LM5,000.00), by way of liquidated damages";

1.4. Illi dan Christopher Caruana intimat kien il-*General Manager* tas-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited*, ghall-perjodu definit ta' tlett (3) snin bejn it-13 ta'

Marzu, 2003, u 12 ta’ Marzu, 2006, b’kuntratt t’impjieg datat is-7 ta’ Marzu, 2003;

1.5. Illi l-partijiet eventwalment qablu li jitterminaw il-kuntratt t’impjieg tal-intimat Caruana bi skrittura privata datata s-27 ta’ Settembru, 2004, li kienet tipprovdi *inter alia* pagament *ex gratia* lill-istess intimat ta’ ghaxart elef u hames mitt Lira Maltin, (LM10,500.00);

1.6. Illi sussegwentement is-socjeta` attrici skopriet li l-intimat Christopher Caruana kien qed imexxi s-socjeta` *Red October* li kienet tinnegozja is-sewgenti:

1.6.1. Prodotti li kienu jinbieghu mis-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited*;

1.6.2. Prodotti simili ghal dawk impurtati mill-istess socjeta` imsemmija fil-paragrafu precedenti;

1.7. Illi din l-attivita` indikata kienet bi ksur tal-kuntratt fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel);

1.8. Illi *di piu`*, is-socjeta` *Red October* toffri tlieta u ghoxrin (23) prodott li kienu qabel importati mis-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited*;

1.9. Illi s-socjeta` attrici saret ukoll taf li l-konvenut Christopher Caruana kien ukoll javvicina impjegati tas-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited* bi ksur tal-kuntratt fuq gia riferit, (ara wkoll paragrafu numru wiehed, punt tlieta, (1.3), aktar qabel), u prezentement is-socjeta` *Red October* timpjega erba (4) minn dawn l-*ex* impjegati tas-socjeta` *de quo*;

1.10. Illi dan l-operat tal-konvenut hu kontra l-ligi;

1.11. Illi skont il-kuntratt tat-13 ta’ Marzu, 2000, is-socjeta` attrici ghandha dritt titlob is-somma ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00), ghall-ksur tal-klawsola hmistax punt hamsa, (15.5), tal-istess kuntratt, (ara

paragrafu numru wiehed punt wiehed punt tlieta punt wiehed, (1.3.1.i.) , aktar qabel);

1.12. Illi in vista tal-premess sejjhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti biex ikollhom l-opportunita` iwiegbu ghad-domandi hawn espressi u jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.12.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut Christopher Caruana kiser il-klawsola numru hmistax punt hamsa, (15.5), tal-kuntratt bejn is-socjeta` attrici u l-bejjiegha tal-ishma fis-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited*;

1.12.2. Tiddikjara u tiddeciedi kemm –il darba kiser il-klawsola numru hmistax punt hamsa, (15.5), tal-kuntratt fuq gia` riferit;

1.12.3. Tillikwida bhala danni kontrattwali s-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000,00), ghal kull ksur tal-kuntratt *de quo*;

1.12.4. Tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva hekk likwidata;

1.12.5. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skont il-ligi kif dedotti fic-citazzjoni promotrici;

2.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Gunju, 2005, li permezz taghha l-konvenuti sintetikament eccepew is-segwenti:

2.1. Il-karenza t'interess guridiku tas-socjeta` attrici stante li m'hi involuta fl-ebda negozju simili ghal dak tas-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited* u lanqas timpjega impjegati milquta mill-klawsola hmistax punt hamsa tnejn, (15.5.ii) tal-kuntratt *de quo*;

2.2.Illi l-ftehim konsolidat bejn il-kontendenti kien fis-sens li l-konvenut obbliga ruhu:

2.2.1. Biex ma jikkompetix man-negozju tas-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited* ;

2.2.2. Biex ma jingaggax impjegati ma' *Anthony Caruana & Sons Limited*;

2.3. Illi l-kuntratt datat it-13 ta' Marzu, 2000, ma giex esebit mis-socjeta` rikorrenti u qed jigi esebit mill-konvenuti, (ara fol 32 *et sequitur*);

2.4. Illi sussegwentement gie konkluz kuntratt iehor datat is-7 ta' Marzu, 2003, b'terminu ta' tlett (3) snin, fejn konsegwentement kull ftehim precedenti ra l-ingagg ta' impjegati, gie kancellat u annullat, (ara fol 9), u kien risolt mill-kontendenti fis-27 ta' Settembru, 2004, (ara fol 15);

2.5. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li jmorru kontra l-artikolu 985 tal-Kodici Civili;

2.6. Illi l-konvenut qatt ma hajjar impjegati tas-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited* biex jahdmu mieghu jew li jikser il-klawsola numru hmistax punt hamsa punt wiehed u tnejn, (15.5.i), (15.5.ii) tal-ftehim in dizamina;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-24 ta' Marzu, 2010, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju ghall-iskop hemm indikat, (ara fol 117);

4. Rat id-digriet sussesgenti tal-istess qorti kif hemm diversament preseduta datat it-13 t'April, 2011, li permezz tieghu issostitwiet lill-assistent gudizzjarju, (ara fol 134) b'perit legali hemm indikata;

5. Rat il-verbal datat is-7 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet fuq talba taghhom stess, li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet quddiem l-istess perit legali precedentement nominata, (ara fol 136);

6. Rat ir-relazzjoni tal-perit legali datata t-18 t'Ottubru, 2012, (ara fol 190 *et sequitur*);

7. Rat ir-risposta bil-miktub in eskussjoni tal-perit legali datata l-21 ta’ Frar, 2013, (ara fol 287);

8. Rat in-nota ta’ kritika tas-socjeta` attrici datata l-24 ta’ April, 2013, (ara fol 291);

9. Rat in-nota ta’ kritika tal-konvenuti datata l-20 ta’ Gunju, 2013, (ara fol 293);

10. Ezaminat ix-xhieda kollha prodotta kemm *viva voce*, kif ukoll permezz t’affidavitijiet;

11. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

12. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jiddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti minnhom ipprezentati;

Ikkunsidrat:

13.0.Illi skont ir-relazzjoni peritali fuq indikata, (ara paragrafu numru sitta (6), il-vertenza in dizamina tirrileva sintetikament is-segwenti tlett (3) eccezzjonijiet ta’ natura preliminari:

13.1. **L-Interess Guridiku tas-socjeta` attrici:**

13.1.1.Illi din l-eccezzjoni sollevata hi ta’ natura preliminari;

13.1.2. Illi skont **Alex Mangion vs Anthony Cilia Pisani datata l-20 ta’ Mejju, 2004, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili** gie ritenut is-segwenti:

“L-attur irid ikollu interess guridiku fil-prosegwiment tal-kawza, liema interess irid ikun jezisti fil-bidu tal-kawza u jipperdura tul is-smiegh tal-kawza … L-interess f’min jaghmel kawza m’hemmx bzonn li jkun patrimonjali, imma jista’ jkun anke morali u astratt, purche` jkun ta’ natura guridika, jigifieri li jkun jikkorrispondi ghal lezjoni ta’ dritt u ghalhekk, hu bizzejjed, biex jirradika dak l-interess, anke

semplici dritt onorifiku. Lanqas m’hu mehtieg li jkun hemm vjolazzjoni ta’ dritt veru u proprju, imma hu bizzejjed li l-ezistenza tad-dritt tkun minaccjata”;

13.1.3. Illi *di piu`*, kif ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Improved Design Limited vs Antoine Grima, datata l-4 ta’ Marzu, 2004, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili**:

“L-interess guridiku f’attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, johloq il-htiega tal-vertenza. Ghalhekk, dan igib mieghu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess guridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna ghandha, jigifieri li titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew li tigi msewwija ingustizzja maghmula fil-konfront taghha. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta’ utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd, b’mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi”;

13.1.4. Illi skont **Eminyan vs Mousu pro et nomine, datata t-28 ta’ Frar, 1997, mill-Qorti tal-Appell**:

“L-interess guridiku jrid ikun reali u attwali, u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta’ vjolazzjoni ta’ xi dritt li jappartjeni lill-attur u f’dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir”;

13.1.5.Illi l-eccezzjoni tal-konvenuti fir-rigward tistrieh fuq il-premessa li l-konvenut kellu obbligazzjonijiet kontrattwali mas-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited* u mhux mas-socjeta` attrici;

13.1.6. Illi in vista tal-premess is-socjeta` attrici ssostni li l-interess guridiku taghha fil-procedura odjerna jemana espressament mill-kuntratti minnha riferiti fic-citazzjoni promotrici konkluzi mal-istess konvenut Christopher Caruana;

13.1.7. Illi f'dawn il-kuntratti jirrizulta li s-socjeta` attrici hi beneficjarja tal-istess stante li l-konvenut kiser l-obbligazzjonijiet minnu hemm assunti li jaghmel xi forma t'azzjoni li biha jiskatena kompetizzjoni mas-socjeta` attrici;

**DECIDE:**

13.1.8. Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti rigwardanti l-interess guridiku minnhom sollevata qed tigi respinta bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

**13.2. L-istipulazzjonijiet kontrattwali in dizamina huma nulli:**

13.2.1. Illi l-konvenut liberament tikkontratta l-klawsoli in dizamina sollevati mis-socjeta` attrici;

13.2.2. Illi in effetti per konsegwenza l-konvenut intrabat li ma jikkompetix la mas-socjeta` attrici u lanqas mas-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited*;

13.2.3. Illi s-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited* bl-ebda mod ma tilfet l-personalita` guridika taghha;

13.2.4. Illi bil-kuntratt datat is-7 ta' Marzu, 2003, l-ewwel kuntratt, (dak datat it-13 ta' Marzu, 2000), kien gie estiz ghal tlett (3) snin;

13.2.5. Illi *in oltre*, konsegwenza tal-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti, il-kuntratti l-ohra ta' qabel gew kancellati u annullati;

13.2.6. Illi skont l-espert *de quo*, il-kuntratt li gie kancellat u annullat kien l-ewwel kuntratt t'impjieg bejn il-konvenut u *Anthony Caruana & Sons Limited*;

13.2.7. Illi ghalhekk, l-obbligi assunti mill-konvenut fil-kuntratt in dizamina baqghu vigenti u allura enforzabbli;

**DECIDE:**

13.2.8. Illi ghalhekk, ukoll konformi mal-konkluzjonijiet tal-perit legali *de quo*, it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti qed tigi respinta bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

13.3**. L-ordni Pubbliku u l-artikolu 985 tal-Kodici Civili:**

13.3.1. Illi l-artikolu fuq citat jistabbilixxi li:

"Il-hwejjeg impossibbli, jew ipprojbiti mil-ligi, jew kuntrarji ghall-eghmil xieraq, jew ghall-ordni pubbliku, ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt";

13.3.2. Illi pero` jigi mill-ewwel indikat li ghalkemm il-konvenuti jissollevaw din l-eccezzjoni preliminari, jonqsu milli jindikaw liema hu effettivament dak l-att/i partikolari li jilledu tali principju hekk statutorjament sancit;

13.3.3. Illi kif stabbilit mill-**Prim'Awla tal-Qorti Civili f'Carmelo Attard vs Carmela Frendo et, datata l-31 ta' Jannar, 2003**:

"Klawsola li tillimita l-kompetizzjoni hija deroga ghal principju stabbilit fl-artikolu 320 tal-Kap 16 li jistabbilixxi li wiehed jista' jiddisponi minn hwejjgu bil-mod l-aktar assolut. B'dana kollu il-patt li bih wiehed jintrabat "li ma jaghmilx" a norma tal-artiklu 982 tal-Kodici Civili jista' jifforma l-oggett ta' kuntratt u ma jidhirx kontra d-dispost l-iehor tal-ligi kif imfisser fl-artiklu 985 tal-istess Kodici Civili,

billi mhux “ipprojbit mil-ligi” jew “kuntrarju ghall-ordni pubbliku”;

Tali klawsoli, notorji ahjar bhala pattijiet “in restraint of trade”, gew estensivament debattuti fid-duttrina Ingliza, fejn, bejn wiehed u iehor giet espressa l-fehma li trid issir distinzjoni bejn dawk il-klawsoli li jkollhom l-iskop li jipprevjenu lill-obbligat milli jikkompeti ma’ dak li a favur tieghu tkun saret il-klawsola, u dawk il-klawsoli li jillimitaw il- kompetizzjoni ta’ terzi billi jipprevjenu lill-obbligat milli jinnegozja maghhom. Dan l-ahhar tip ta’ klawsoli ghandu jigi dikjarat bhala “in restraint of trade”. Wiehed allura jrid ihares lejn l-effett anti-kompetittiv tal-klawsola in kwistjoni”;

13.3.4. Illi fid-dawl tas-suespost il-klawsola hmistax punt hamsa (15.5), tal-kuntratt in dizamina ma tammontax ghal “*restraint of trade*”;

13.3.5. Illi konsegwentement, l-istess klawsola citata fil-paragrafu precedenti hi debitament enforzabbli fil-qrati Maltin stante li tirrizulta li hi klawsola:

13.3.5.i. Ragonevoli;

13.3.5.ii. Limitata u intiza biex tirrendi l-ftehim pattwit wiehed vijabbli;

**DECIDE:**

13.3.6. Illi ghalhekk, konformi mal-konkluzjoni tal-perit legali *de quo,* it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti qed tigi respinta bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi fuq il-mertu tal-vertenza sintetikament jinghad is-segwenti:

14.1. Illi l-vertenza sollevata tirrigwarda l-ipotesi jekk il-konvenut kisirx il-kondizzjonijiet kontrattwali in dizamina li

bihom liberament obbliga ruhu li ma jikkompetix fis-suq *de quo* mas-socjeta` attrici fil-perjodu hemm espressament pattwit;

14.2. Illi fil-mument tal-konsolidazzjoni tal-kuntratt *de quo* is-socjeta` attrici kienet konxja tal-ezistenza tas-socjeta` *Red October* li tappartjeni lill-konvenuti;

14.3. Illi mill-ezami tar-rizultanzi kondott mill-espert legali fuq riferita li din il-qorti m'ghandhiex ragunijiet biex ma tikkondividix, jirrizulta li s-socjeta` *Red October* fiz-zmien meritu tal-kawza kienet bazikament tinnegozja f'oggetti u prodotti ta' tabakk u tal-helu, aktar milli tax-xorb;

14.4. Illi *di piu`*, jirrizulta li l-konvenut temm l-impjieg tieghu minn ma' *Anthony Caruana & Sons Limited* permezz ta' ftehim datat l-14 ta' Settembru, 2004, (ara fol 15);

14.5. Illi allura, min dak il-mument 'il quddiem, il-konvenut kien obbligat li ma jikkompetix mas-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited* sal-perjodu ta' sena (1) wara l-konkluzjoni tal-istess ftehim hekk pattwit senjatament, sal-14 ta' Settembru, 2005;

14.6. Illi f'dan ir-rigward l-istess espert legali ikkonstatat, in sintesi, diversi vjolazzjonijiet tal-konvenut fir-rigward li wkoll, din il-qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li taghmel taghha:

14.6.1. Kif il-konvenut beda jahdem taht l-isem ta' *Red October* beda jimporta x-xorb, (ara fol 208);

14.6.2. Is-socjeta` attrici bidet tircievi nformazzjoni li l-konvenut mill-ewwel beda jimporta xorb in kompetizzjoni maghha, (ara fol 208);

14.6.3. Illi diversi agenti kienu jinfurmaw lis-socjeta` attrici li l-konvenut kien qed jimporta x-xorb, (ara fol 209);

14.6.4. Illi dawn il-lanjanzi kollha indikaw li l-konvenut kien qieghed jikser it-termini kontrattwali fuq indikati fil-

perjodu ta’ sena (1) mill-istipulazzjoni taghhom kif fuq indikat;

14.6.5. Illi l-prodotti espressament rizultanti li l-konvenut illegittimament ikkompeta mas-socjeta` attrici bi ksur tal-klawsoli *de quo* jirrizultaw li huma Averna, Wenneker u Villa Frattina, (ara fol 211);

14.6.6. Illi ghalkemm l-istess perit legali tikkonkludi li s-socjeta` attrici ma irnexxilhiex iggib prova sufficjenti li permezz taghha tipprova li kien hemm ksur ta’ din il-klawsola, din il-qorti ma tistax tikkondividi din il-konkluzjoni stante li hi sodisfatta li l-ksur riskontrat gie effettwat fit-terminu ta’ sena pattwit fil-kuntratt *de quo* stante li hemm evidenza konkordanti bizzejjed li turi li l-konvenut kiser dawn il-klawsoli mill-ewwel kif beda jahdem bis-socjeta` *Red October* u allura, logikament fi zmien is-sena (1) hekk pattwita;

14.6.7. Illi fir-rigward, stante li gew ukoll individwati bi precizjoni tlett (3) prodotti partikolari allura din il-qorti qed tiehu dan bhala tlett (3) infrazzjonijiet separati u distinti minn xulxin, bil-konsegwenzi kollha naxxenti mill-istess konkluzjoni;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi rigward it-talba attrici rigwardnati l-avvicinament da parti tal-konvenut ta’ impjegati tas-socjeta` *Anthony Caruana & Sons Limited*, a skans ta’ dilungar inutili ssir referenza ghan-nota ta’ kritika tas-socjeta` attrici fejn sintetikament esponiet is-segwenti:

15.1. Illi mhix tikkontesta l-konkluzjoni tal-perit legali fir-rigward;

15.2. Illi tacceta li l-konvenut qatt ma hajjar impjegati ta’ *Anthony Cutajar & Sons Limited* biex jahdmu mieghu;

15.3. Illi ghalhekk taqbel li ma kien hemm l-ebda ksur tal-klawsola in dizamina;

16. Illi ghalhekk in vista tal-premess, tikkondividi l-konkluzjoni relattiva riprodotta fir-relazzjoni peritali li ma giex ipprovat li l-klawsola *de quo* giet miksura;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi rigward id-danni rikjamati mis-socjeta` attrici ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

17.1. Illi s-socjeta` attrici ssostni fin-nota taghha, (ara fol 154) illi l-konvenut kiser il-klawsola hmistax punt hamsa punt wiehed, (15.5.i), in dizamina ghal mill-anqas tlieta u ghoxrin (23) darba u konsegwentement tippretendi danni relattivi ghal dan in-numru ta’ vjolazzjonijiet;

17.2. Illi kif fuq indikat, il-konvenut kiser il-klawsola *de quo* fir-rigward ta’ tlett (3) prodotti partikolari, (ara paragrafu numru erbatax punt sitta punt hamsa, (14.6.5), aktar qabel);

17.3. Illi ghalhekk, tenut kont tas-suespost taqta’ u tiddeciedi li l-konvenut kien in vjolazzjoni tal-klawsola *de quo* fi tlett (3) okkazjonijiet fuq hekk indikati;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tikkonkludi li s-socjeta` attrici *Simonds Farsons Cisk Limited* ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi fil-limiti tas-suespost u konsegwentement:

**DECIDE:**

18.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut Christopher Caruana kiser il-klawsola numru 15.5.(i) biss tal-kuntratt bejn is-socjeta` attrici u l-bejjiegha tal-ishma fis-socjeta` *Anthony Cutajar & Sons Limited*;

18.2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmi konvenut kiser il-klawsola indikata fil-paragrafu precedenti fi tlett (3) okkazjonijiet;

18.3. Tillikwida d-danni kontrattwali sostenuti mis-socjeta` attrici ghalhekk fl-ammont ta’ hdax –il elf, sitt mija u sitta w erbghin Ewro u sitta u tmenin centezmu, (€11,646.86) ghal kull wahda minn dawn it-tlett (3) vjolazzjonijiet riskontrati komplessivament, fl-ammont ta’ erbgha u tletin elf, disa’ mija u erbghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu;

18.4. Tikkundanna lill-konvenuti fuq indikati biex ihallsu l-ammont komplessiv likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` attrici;

18.5. Tiddikjara li t-talba tas-socjeta` attrici rigwardanti l-ksur mill-konvenut tal-klawsola numru 15.1.(ii) ma gietx debitament ipprovata u ghalhekk, tillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward;

18.6. Illi nonostante l-paragrafu precedenti l-ispejjez tal-procedura odjerna huma kollha a karigu tal-konvenuti;

18.7. Illi l-konvenuti in dizamina ghandhom ukoll ihallsu lis-socjeta` attrici l-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mid-data tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Frar, 2005, sad-data tal-effettiv pagament.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------